



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0085(COD)

7474/22
ADD 3

CYBER 93
TELECOM 116
JAI 383
INST 89
INF 32
CSC 119
CSCI 39
DATAPROTECT 81
FIN 353
BUDGET 2
CODEC 349
IA 30

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 68 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĦDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU TAL-ANALIŻI TAL-IMPATT Li takkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 68 final.

Mehmuż: SWD(2022) 68 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2022
SWD(2022) 68 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-ANALIŻI TAL-IMPATT

Li takkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi,
fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni**

{COM(2022) 122 final} - {SWD(2022) 67 final}

1. Introduzzjoni

Fl-2020, in-numru ta' inċidenti sinifikanti li jaffettwaw lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni, imwettqa minn atturi ta' theddid persistenti avanzat (APT), żdied. Dan huwa rifless ukoll fin-numru ta' immaġnijiet tal-forensika analizzati mis-CERT-UE fl-2020, li aktar minn trippla meta mqabbel mal-2019, filwaqt li n-numru ta' inċidenti sinifikanti żdied b'aktar minn għaxar darbiet mill-2018.

Madankollu, f'xi każijiet il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà u l-infiq fuq is-sigurtà tal-IT huma inugwali b'mod impressjonanti fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-aġenziji tal-Unjoni, u dan jirriżulta fi spettru wiesa' ta' livelli tal-maturità taċ-ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-aġenziji tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-analiżi tax-xenarju ta' theddid u l-istatistika tal-inċidenti tas-sigurtà tal-IT juru li l-esponiment ċibernetiku għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni se jintensifika.

2. Obiettivi

In-nuqqasijiet identifikati fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal livell insuffiċjenti ta' reżiljenza ċibernetika fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-aġenziji tal-Unjoni, riżorsi frammentati għas-sigurtà tal-IT u żbilanċ fil-qagħdiet tas-sigurtà tal-IT.

L-għan ta' att leġiżlattiv ikun li jipprovdi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-aġenziji tal-Unjoni. B'dan għandu jsir kontribut u jiġi ggarantit li l-maturità taċ-ċibersigurtà żżomm il-pass mal-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni.

3. Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà u qafas taċ-ċibersigurtà

Il-proposta ta' Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà u qafas taċ-ċibersigurtà tintroduċi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-aġenziji tal-Unjoni li jippermettu l-allinjament fi ħdan qafas li jindirizza t-theddid għaċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni. Minbarra dan, jistabbilixxi l-monitoraġġ u r-rapportar lil Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà.

Il-proposta timmodernizza l-missjoni u l-kompiti tas-CERT-UE u tikkunsidra t-tibdil u ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni f'dawn l-aħħar snin u x-xenarju tat-theddid ċibernetiku li qiegħed jevolvi.

Ma hemmx impatt dirett jew konsegwenzi baġitarji għall-Istati Membri jew għaċ-ċittadini tal-UE.

Il-bażi ġuridika għal dan ir-Regolament hija l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi li fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti.

Din il-proposta tibni fuq l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà (COM(2020) 605 final) u l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE għad-Deċennju Diġitali (JOIN(2020) 18 final).

4. Konklużjoni

B'Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà u qafas taċ-ċibersigurtà jintlaħqu l-biċċa l-kbira tal-obiettivi maħsuba b'mod relattivament effettiv, effiċjenti u koerenti ma' politiki oħra tal-Unjoni u bl-aktar appoġġ wiesa' tal-partijiet ikkonċernati. Fid-dawl tal-ostakli legali prevalenti li bihom naġixxu, din is-soluzzjoni li ntgħażlet hija l-aktar għażla vijabbli, għax

approċċ “wieħed tajjeb għal kulħadd” ma jissodisfax il-maturità eteroġenja tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji tal-Unjoni llum u d-disparitajiet fir-riskju teknoloġiku u fil-kumplessità teknoloġika li jiffaċċjaw.